31996L0033

18.6.1996 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 144/35

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/33/KE

## tal-21 ta' Mejju 1996

## li temenda l-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fi u fuq iċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimalirispettivament

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fiċ-ċereali [1], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċida fl-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni rċeviet mandat fil-qafas tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE biex tħejji lista ta' residwi tal-pestiċida u l-livelli massimi tagħhom għall-approvazzjoni mill-Kunsill;

Billi r-residwi tal-pestiċida jistgħu jkunu fiċ-ċereali u fl-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimalibħala riżultat ta' prattiċi agrikoli; billi huwa meħtieġ li jkun ikkunsidrat it-tagħrif relevanti kemm għall-użu tal-pestiċidi awtorizzati kif ukoll, skond kif ikun xieraq, għall-provi sorveljati u l-istudji dwar l-ikel li jingħata lill-annimali;

Billi, biex ikun ikkalkulat aħjar id-dħul tar-residwi tal-pestiċida fl-ikel, ikun prudenti li jkunu stabbiliti simultanjament, meta jkun possibbli, il-livelli massimi tar-residwu għall-pestiċidi individwali fil-komponenti ewlenin kollha ta' l-ikel; billi dawn il-livelli jirrappreżentaw l-użu tal-kwantitajiet minimi tal-pestiċida biex jinkiseb kontroll adegwat, applikat b'tali mod li l-ammont ta' residwu jkun l-iżgħar b'mod prattikabbli u jkun ukoll tossikoloġikament aċċettabbli;

Billi, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u l-kriterji tas-saħħa pubblika u l-agrikoltura, jinħass il-bżonn li jkunu emendati d-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE biż-żieda ta' disposizzjonijiet dwar residwi oħrajn ta' pestiċida għaċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali, jiġifieri *chlormequat, diazinon, dicofol, disulfoton, endosulfan, fenbutatin oxide, fentin, mecarbam, phorate, propoxur, propyzamide, triazophos* u *triforine*;

Billi, b'dana kollu, bin-normi preżenti t-tagħrif huwa insuf-fiċjenti biex ikunu stabbiliti l-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċida għal ċerti residwi tal-pestċida/kumbinazzjonijiet tal-prodotti; billi, f'każi bħal dawn, perjodu ta' żmien li ma jeċċedix aktar minn erba' snin jidher li għandu jkun raġonevoli għall-ġenerazzjoni tat-tagħrif meħtieġ; billi, għalhekk, għandhom ikunu stabbiliti livelli massimi fuq il-bażi ta' dan it-tagħrif sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2000; billi n-nuqqas li jkun ipprovdut it-tagħrif meħtieġ normalment iwassal fl-istabbili-ment ta' livelli fil-limitu xieraq tad-determinazzjoni; billi l-impriżi sodisfaċenti biex jiġġeneraw it-tagħrif meħtieġ għandhom jingħataw fi żmien sena mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva;

Billi l-livelli massimi tar-residwu stabbiliti b'din id-Direttiva għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid fil-qafas ta' ri-evalutaz-zjoni tas-sustanzi attivi li hemm provvediment dwarhom fil-programm ta' ħidma stabbilit fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li jikkonċerna t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [3],

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Ir-residwi tal-pestiċida li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE:

(1) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/39/KE (ĠU L 197, tat-22.8.1995, p. 29).
(2) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/39/KE (ĠU L 197, tat-22.8.1995, p. 29).
(3) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.

| Residwi tal-pestiċida | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) | |
|---|---|---|
| TRIFORINE | 0,1 | qamħ, sikrana, triticale, xgħir, ħafur |
| | 0,05 (*) | ċereali oħrajn |
| ENDOSULFAN<br>Residwu: is-somma ta' alfa u beta endosulfan sulphate espressa bħala endosulphate | 0,1 (a) | qamħ, sikrana, triticale, xgħir, ħafur |
| | 0,2 (a) | qamħirrum |
| | 0,05 (*) | oħrajn |
| FENBUTATIN OXIDE | 0,05 (*) | |
| TRIAZAPHOS | (b) | qamħ, sikrana, triticale, xgħir, ħafur, qamħirrum |
| | 0,02 (*) | oħrajn |
| DIAZINON | 0,02 (*) | buckwheat, dekkuk |
| | 0,05 (b) | oħrajn |
| MECARBAM | 0,05 (*) | ċereali |
| FENTIN<br>Residwu: fentin espress bħala triphyltin cation | 0,05 (*) | |
| PHORATE<br>Residwu: is-somma ta' phorate, l-analogu ta' l-ossiġnu tiegħu u s-sulfoxides u s-sulphones tagħhom espressa bħala phorate | (a) | qamħirrum |
| | 0,05 (*) | oħrajn |
| DICOFOL<br>Residwu: is-somma ta' l-iżomeri P, P' u O, P' | 0,02 (*) | |
| CHLOROMEQUAT | 5 | ħafur |
| | 2 | qamħ, sikrana, triticale, xgħir |
| | (a) | qamħirrum |
| | 0,05 (*) | oħrajn |
| PROPYZAMIDE | 0,02 (*) | |
| PROPOXUR | 0,05 (*) | |
| DISULFOTON<br>Residwu: is-somma ta' disulfoton, disulfoton sulphoxide u disulfoton sulphone espressa bħala disulfoton | 0,1 | qamħ |
| | 0,2 | xgħir, sorgu |
| | 0,02 (*) | oħrajn |

(*) Tindika l-livell il-baxx tad-determinazzjoni analitika.
(a) u (b) Jekk il-livelli ma jkunu ġew adottati sat-30 ta' April 2000, il-livelli li ġejjin għandhom ikunu japplikaw minn hemm 'il quddiem kif indikat:
(a) 0,05 (*)
(b) 0,02 (*)

*L-Artikolu 2*

L-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEEgħandu jkun emendat kif ġej:

1. Ir-residwi tal-pestiċida li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Parti A:

| Residwi tal-pestiċidi | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) | | |
|---|---|---|---|
| | ta' xaham, li jkun hemm fil-laħam, preparazzjonijiet ta' laħam, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali li hemm elenkati fl-Anness I taħt l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602. (i) (iv) | għall-ħalib tal-baqar u krema shiħa tal-ħalib tal-baqra li hemm elenkati fl-Anness I taħt l-Intestatura Nru 0401; għall-oġġetti l-oħra ta' l-ikel fl-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406 (ii) (iv) | ta' bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taħt l-Intestaturi Nri 0407 00 u 0408 (iii) (iv) |
| ENDOSULFAN<br>Residwu: is-somma ta' alfa u beta endosulfan u endosulfan sulphate espressa bħala endosulfan | (a) laħam tat-tjur<br>0,1 oħrajn | 0,004 | (a) |
| FENTIN<br>Residwu: fentin espress bħala triphenyltin cation | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| FENBUTATIN OXIDE | 0,05 (*) | 0,05 | 0,05 (*) |
| TRIAZAPHOS | (b) laħam tat-tjur<br>0,01 (*) oħrajn | 0,01 (*) | (b) |
| DIAZINON | (a) laħam tal-majjal u tat-tjur | 0,01 (*) | (b) |
| DISULFOTON<br>Residwu: is-somma ta' disulfoton, disulfoton sulphone espressa bħala disulfoton | 0,02 (*) | 0,02 | (a) |
| DICOFO<br>Residwu: is-somma ta' l-iżomeri P,P' u O, P' | 0,5 laħam taċ-ċanga, ngħaġ u mogħoż<br>0,1 laħam tat-tjur<br>0,05 (*) oħrajn | 0,02 | 0,02 (*) |

(*) Jindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika.

(i) Fil-każ ta' oġġetti ta' l-ikel b'kontenut ta' xaħam ta' 10 % jew anqas bil-piż, ir-residwu għandu jkun irrelatat mal-piż totali ta' l-oġġett ta' l-ikel bl-għadam. F'dawn il-każi, il-livell massimu għandu jkun wieħed minn kull għaxra (1/10) tal-valur irrelatat mal-kontenut ta' xaħam, iæda m'għandux ikun anqas minn 0,01 mg/kg

(ii) Fid-determinazzjoni tar-residwi fil-ħalib tal-baqar mhux maħdum u fil-krema shiħa mill-ħalib tal-baqar, kontenut ta' xaħam ta' 4 % bil-piż għandu jittieħed bħala bażi. Għall-ħalib mhux maħdum u krema shiħa tal-ħalib ta' l-annimali l-oħrajn, ir-residwi għandhom ikunu espressi fuq il-bażi tax-xaħam
Għall-oġġetti l-oħrajn ta' l-ikel elentaki fl-Anness 1 taht l-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 and 0406:
— b'kontenut ta' xaħam ta' anqas minn 2 % bil-piż, il-livell massimu għandu jittieħed bħala nofs dak stabbilit għall-ħalib mhux maħdum u l-krema shiħa tal-ħalib,
— b'kontenut ta' xaħam ta' 2 % jew aktar bil-piż, il-livell massimu jiġi espress f'mg/kg. F'dawn il-każi l-livell massimu jkun 25 darba aktar minn dak stabbilit għall-ħalib mhux maħdum u krema shiħa tal-ħalib.

(iii) Għall-bajd u prodotti tal-bajd b'kontenut ta' xaħam ogħla minn 10 %, il-livell massimu jkun espress f'mg/kg ta' xaħam. F'dan il-każ, il-livell massimu jkun 10 darbiet ogħla mil-livell massimu għall-bajd frisk.

(iv) In-noti tal-qiegħ (i), (ii) u (ii) m'għandhomx ikunu japplikaw fil-każi meta l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika jkun indikat.

(v) Jekk il-livelli ma jkunux ġew adottati sat-30 ta' April 2000, il-livelli massimi li ġejjin għandhom ikunu japplikaw:
(a) 0,05 (*)
(b) 0,01 (*)

2. Ir-residwi tal-pestiċida li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Parti B:

| Residwi tal-pestiċidi | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) | | |
|---|---|---|---|
| | ta' laham, inkluż xaham, preparazzjonijiet ta' laham, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602. | għall-halib u prodotti tal-halib li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nru 0401, 0402, 0405 00 u 0406 | ta' bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-ghasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nri 0407 00 u 0408 |
| TRIFORINE | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| PROPOXUR | 0,05 | 0,05 (*) | 0,05 (*) |
| PROPYZAMIDE<br>Residwu: is-somma ta' propyzamide u l-metaboliti kollha li jkollhom | 0,05 laham, fwied u kliewi<br>0,02 (*) oħrajn | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| PHORATE<br>Is-somma ta' phorate,l-analogu ta' ossiġnu tiegħu u s-sulphoxides us-sulphones tagħhom espressa bhala phorate | 0,05 (*) | 0,02 (*) | 0,05 (*) |
| CHLORMEQUAT | (a) | (a) | (a) |
| DICOFOL<br>Residwu: 1,1-bis-(parachlorophenol)-2,2-dichloroethanol (PP'-FW1.52), espress bħala dicofol | 1,0 fwied taċ-ċanga, nghaġ u mogħoż | | |

(*) Jindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika.
(a) Jekk il-livell massimu ma jkunx ġie adottat sat-30 ta' April 2000, il-livell massimu ta' 0,05 (*) għandu jkun applikat.

*L-Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 1997.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew inkella jkunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif isiru dawn ir-referenzi għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea.

*L-Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Mejju 1996.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. PINTO